

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2012 — El Hogar Perfecto del Siglo XXI vs UASI Wenf International Advisers (Trabixujiet)**

(Kawża T-337/12)

(2012/C 287/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: El Hogar Perfecto del Siglo XXI, SL (Madrid, Spanja)  
(rappreżentanti: C. Ruiz Gallegos u E. Veiga Conde, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Wenf International Advisers Ltd (Tortola, il-Gżejjer Verġni)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 89/2011-3;

— tikkundanna lill-UASI u lill-parti l-oħra għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Disinn Komunitarja rreġistrat li huwa s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: disinn ta' trabixujiet — Disinn Komunitarju Nru 0 0083 0831-0001

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Wenf International Advisers Ltd

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: disinn nazzjonali ta' fettihiet ta' flixkun

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: rikors milqugħ

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

— ksur tal-Artikoli 4 u 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002

— ksur tal-Artikoli 4 u 6(2) tar-Regolament Nru 6/2002

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2012 — Grupo T Diffusión vs UASI — ABR Producción Contemporánea (Lampi)**

(Kawża T-343/12)

(2012/C 287/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Grupo T Diffusión, SA (El Prat de Llobregat, Spanja)  
(rappreżentant: A. Lasala Grimalt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: ABR Producción Contemporánea, SL (Barcelona, Spanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 1622/2010-3, dwar proċedimenti ta' invalidità tad-Disinn Komunitarju Nru 000 42 7448-0001 u tiddikjara l-effikaċità sħiħa u l-validità sħiħa tal-imsemmi disinn, b'eżenzjoni għal Grupo T Diffusión, S.A. għall-ħlas tal-ispejjeż ta' ABR u tal-UASI

**Motivi u argumenti prinċipali**

Disinn Komunitarju rreġistrat li huwa s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: disinn ta' lampa — Disinn Komunitarju rreġistrat Nru 000 42 7448-0001

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ABR Producción Contemporánea, SL

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: disinn preċedenti ta' lampa standard "Cypress"

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: rikors għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħ

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002